# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ ATALANTA/5/2011

## tas-16 ta' Diċembru 2011

## li temenda d-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà ATALANTA/2/2009 dwar l-aċċettazzjoni ta' kontributi minn Stati terzi għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) u d-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà ATALANTA/3/2009 dwar l-istabbiliment tal-Kumitat ta' Kontributuri għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta)

(2011/846/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/851/PESK tal-10 ta' Novembru 2008 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà ATALANTA/2/2009 ([2]) u d-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà ATALANTA/3/2009 ([3]), u l-addendum tagħha ([4]),

Billi:

(1) Il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE, fis-16 ta' Diċembru 2008, laqqa' Konferenza dwar il-Ħolqien ta' Forza.

(2) Konsegwentement għall-offerta mis-Serbja li tikkontribwixxi għall-operazzjoni Atalanta, ir-rakkomandazzjoni mill-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE u l-parir mill-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea (EUMC), il-kontribut mis-Serbja għandu jiġi aċċettat.

(3) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-elaborazzjoni u l-implementazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà Atalanta/2/2009 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

**Kontributi ta' Stati Terzi**

Konsegwentement għall-Konferenzi dwar il-Ħolqien u l-Forniment ta' Forzi u r-rakkomandazzjonijiet mill-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE u mill-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea, il-kontributi min-Norveġja, il-Kroazja, il-Montenegro, l-Ukraina u s-Serbja għandhom jiġu aċċettati għall-operazzjoni militari tal-UE bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta)".

*Artikolu 2*

L-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà Atalanta/3/2009 huwa sostitwit bit-test li jinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2011.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

O. SKOOG

([1]) ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33.
([2]) ĠU L 109, 30.4.2009, p. 52.
([3]) ĠU L 112, 6.5.2009, p. 9.
([4]) ĠU L 119, 14.5.2009, p. 40.

*ANNESS*

*"ANNESS*

**LISTA TA' STATI TERZI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 2(1)**

— Norveġja

— Kroazja

— Montenegro

— Ukraina

— Serbja"